MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Numru. 798/2003

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Deborah Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Deborah Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 346284(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fis-16 ta' Lulju, 2003 ghall-habta ta' xi 19:00hrs gewwa il-Belt Valletta :

a) Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LEK 356 tal-marka Hyundai Accent, liema hsara hija ta' aktar minn LM50 (hamsin lira Maltin), izda mhux aktar minn LM500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta' Drive a Way Car

Rentals u ta’ Carmen Spiteri u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk saret recidiva u kisret il-provedimenti tal-Artikolu 9 u 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dan waqt is-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu, 2004 meta kienu qed isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikolu 370(4), 390(1), u 392 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi ta’ din l-ammissjoni taghha, tatha zmien xieraq sabiex tikkunsidra il-posizzjoni taghha. Madanakollu l-imputata baqghet tinsisti illi riedet tirregistra ammissjoni u ghalhekk il-Qorti wara illi rat ukoll l-Artikolu 392 (a) tal-Kap. 9 laqghet din l-ammissjoni. Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta’ l-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha issib lill-istess imputata hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 325 (b) u 17 tal-Kap. 9, l-Artikoli 9, 5, u 10 tal-Kap. 152, illum Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena id-dikjarazzjoni ta’ l-Ufficjal Prosekutur illi l-imputata hallset id-danni kollha dovuti minnha, kif ukoll illi l-imputata ikkopperat ferm mieghu matul l-investigazzjoni kollha u illi hija ghamlet dak illi ghamlet peress illi kienet tinsab ghaddejja minn problemi personali fis-sens illi kienet ghadha kif itterminat relazzjoni personali ma haddiehor. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-

imputata irregistrat ammissjoni u b'hekk evitat illi issir il-kumpilazzjoni.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghal akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 filwaqt illi tikkundanna lill-imputata ghall-multa ta' mitt lira (LM 100) qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz taghha qeghda tqieghed lill-hatja Deborah Farrugia taht is-sorverjanza tal-Ufficjal tal-Probation li ghandu jigi mahtur mid-Direttur Responsabbli ghas-servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bil-konsegwenza ta' din l-ordni tal-Probation li qeghda issir ghal zmien sentejn mil-lum. Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hatja bi konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu illi fih din l-ordni tal-probation tkun isehh, jew jekk hija ma toqghodx ghal kull ordni illi jaghtiha, jew taghtiha l-Ufficjal tal-Probation illi ser tkun taht is-sorveljanza tieghu jew taghha.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni tal-probation lid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation, kif ukoll lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------